**25 ta' Jannar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvina Galea

*versus*

Angelo Abela

**Glied — Offiża fuq il-Persuna — Disturbi Mentali — "Mental Derangement" — Danni — Preskrizzjoni — Art. 683(e) u (f), 229, u 235(3) (b) tal-Kodiċi Kriminali — Art. 2259 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għall-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għal danni kaġunati minn reat għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali; u l-azzjoni kriminali rigwardanti l-kontravvenzjonijiet u l-inġurji bil-fomm soġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet taqa' bil-preskrizzjoni ta' tliet xhur. B'dan kollu, offiża fuq il-persuna ta' natura ħafifa u ta' mportanza żgħira, għalkemm fil-każijiet ordinarji hi punita bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet, hija delitt; u għalhekk l-azzjoni ċivili għal danni kaġunati minn offiża simili mhix milquta bil-preskrizzjoni ta' tliet xhur, iżda b'dik ta' sentejn.*

*Offiża fuq il-persuna tista' tikkonsisti anki f'diżordni mentali tal-vittima — "mental derangement"; u hemm lok għall-azzjoni ċivili ta' danni meta l-fatt illeċitu jikkaġuna alterazzjonijiet psikiċi, anki mingħajr leżjoni organika tal-ġisem, li jġibu nkapaċità għax-xogħol jew jikkawżaw telf ieħor patrimonjali. Imma jeħtieġ illi t-trawma, jew alterazzjonijiet, jiġu soddisfaċentement pruvati bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu addebitat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut aggrediha u b'ġebla ta' piż konsiderevoli kien taha daqqa biha fuq spallitha tal-lemin, u b'hekk kien ikkaġunalha leżjoni ta' natura gravi għad-durata, jekk mhux debilitazzjoni per-

manenti ta' driegħha tal-lemin, konsistenti f'uġiegħ u nfjammazzjoni tal-istess driegħ, kif ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbet illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kwalunkwe provvediment relattiv, il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni subiti minnha in konsegwenza tal-imsemmija aggressjoni, likwidabbli f'dan jew f'ġudizzju ieħor separat, anki okkorrendo bl-opra ta' periti eliġendi: Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' April 1962, li biha ddeċidiet billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u konsegwentement ċaħdet it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi l-attriċi tgħid li f'diverbju li kellha ma' oħtha Pawla, il-mara tal-konvenut, l-ewwel din oħtha tatha daqqa b'saħħitha kemm setgħet tagħtijielha b'kanna jew landa taċ-ċirku oħxon tal-ħadid fuq spallitha tal-lemin, u heddidtha li toqtolha, u mbgħad il-konvenut, li wasal għax sejħitlu oħtha, b'idu waħda taha daqqa fuq spallitha tax-xellug, u b'ġebla li kellu f'idu l-oħra taha daqqa fuq spallitha tal-lemin. Pawla Abela mart il-konvenut u oħt l-attriċi, tgħid li l-inċident ipprovokatu l-attriċi, li bdiet biex imbuttatha u mbgħad waddbitilha ġebla kbira u laqtitha biha fuq spallitha tax-xellug, u li mbgħad wasal żewġha, il-konvenut, aktarx għax sama' l-għajjat, qabad ġebla b'idu waħda u waddabha lill-attriċi, imma ma tafx laqathiex jew le biha. Giovanni Galea, hu l-attriċi, jgħid li hu sama' xi twerżieq, mar jara x'kien ġara, u ra lill-konvenut jagħti b'ġebla lill-attriċi; dik il-ġebla kienet f'idejh it-tnejn. Il-konvenut jgħid li hu kien ġewwa, sama' xi għajjat, ħareġ biex jara x'kien ġara, sejjaħ lil Giovanni Galea, u mar miegħu fejn kienu jiġġieldu l-attriċi u martu; billi lill-martu osservalha li kellha driegħha bid-demm, storbja, qabad ġebla b'idu l-waħda u waddabha lill-attriċi, imma bil-fixkla ma jafx jekk laqathiex jew le biha;

Illi, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-attriċi tippretendi li b'dik id-daqqa bil-ġebla l-konvenut ikkaġunalha leżjoni ta' natura gravi għad-durata, jekk mhux debilitazzjoni permanenti ta' driegħha tal-lemin, konsistenti f'uġiegħ u nfjammazzjoni tal-istess driegħ. Il-konvenut l-ewwelnett jeċċe-

pixxi l-estinzjoni tal-azzjoni bi preskrizzjoni, li kif jidher mid-dikjarazzjoni annessa mal-eċċezzjonijiet, u kif ġie sottomess fid-dibattitu orali, hija dik ta' tliet xhur;

Illi l-attriċi ma tgħidx u ma tagħti ebda ndikazzjoni taż-żmien meta ġara l-inċident. Mill-provi prodotti mill-konvenut, u preċiżament mix-xhud Spettur Joseph Spiteri, li eżibixxa kopja mill-ktieb tal-okkorrenzi, jirriżulta li fit-8 ta' Marzu 1960 Pawla Abela rrapportat lill-Pulizija li jumejn qabel l-attriċi kienet tatha b'landa vojta u mmolestatha, u talbet li l-attriċi tiġi mwiddba. Dan ir-rapport għandu raġjonevolment jitqies li kien jirriferixxi għall-inċident imsemmi. Kif jidher mill-ktieb tal-okkorrenzi issa msemmi, l-attriċi ġiet interrogata fuq ir-rapport magħmul minn oħtha Pawla, u nnegat l-allegazzjonijiet li saru kontra tagħha minn oħtha; u fit-28 ta' Marzu 1960, b'riferenza għall-imsemmi rapport, l-attriċi rrapportat lill-Pulizija li fit-22 ta' Diċembru 1958 ġiet imsawwta b'landa vojta minn oħtha Paola Abela, li wkoll hedditha. Mill-provi almenu ma jirriżultax li kien hemm ħlief inċident wieħed ta' ġlied b'laned, bejn l-attriċi u oħtha Paola, u kwindi mhux spjegabbli kif dak l-inċident Paola Abela tirriferieh għas-6 ta' Marzu 1960, mentri l-attriċi tallega li ġara fit-22 ta' Diċembru 1958. Barra minn dan, f'dak ir-rapport tagħha lill-konvenut l-attriċi ma ssemmieħ xejn;

Fuq dan ir-rapport l-attriċi ġiet diretta mill-Pulizija biex taġixxi kontra oħtha Paola Abela b'istanza privata, u effettivament, kif jirriżulta mid-dokument fil-fol. 8 tal-proċess, l-attriċi spikkat kwerela; din id-darba mhux biss kontra oħtha Paola, imma kontra l-konvenut, bl-imputazzjoni li fit-22 ta' Ottubru 1959 ikkaġunawlha offiża permezz ta' daqqiet ta' ponn u bil-ġebel u bil-laned tal-ilma; u li barra minn dan oħtha Paola Abela hedditha ripetutament. Dan juri li l-attriċi ma tidherx konsistenti magħha nnfisha; fissens li lill-Pulizija rrapportat li l-inċident kien ġara fit-22 ta' Diċembru 1958, mentri fil-kwerela fissret li l-istess inċident kien issuċċieda fit-22 ta' Ottubru 1959. Jidher, però, li l-attriċi, in segwitu għall-inċident minnha msemmi, kienet marret tikkonsulta ruħha mat-tabib Dr. Paul Briffa, li raha l-ewwel darba fis-6 ta' Jannar 1960. Kif xehdet quddiem il-periti ġudizzjarji, għand dan it-tabib l-attriċi marret xi għaxar ġimgħat wara l-inċident, u għalhekk l-istess inċident dejjem skond l-attriċi, għandu jirriżali għal xi għaxar

ġimgħat qabel l-aħħar data msemmija, u ċjoè għal xi t-22 ta' Ottubru 1959, kif jinsab indikat fl-imsemmija kwerela;

Illi, skond ma xehed it-tabib Dr. Briffa, l-attriċi, meta eżaminaha, ma deherlux li kellha ksur ta' għadam fi spallejha; fuq insistenza tagħha hu bagħatha għand it-tabib Dr. Edwin Graig biex joħdilha "X-Rays"......"

Illi l-perizja ġudizzjarja waslet għall-istess konklużjoni, fis-sens, kif ġie relatat, li ma jidherx li l-attriċi flinċident imsemmi sofriet xi leżjoni iżjed gravi minn sempliċi kontużjoni, li fil-każ kienet tfieq għal kollox, mingħajr konsegwenzi, fi żmien ta' mhux iżjed minn tliet ġimgħat, u li l-uġiegħ li hi tilmenta minnu huwa ta' natura isterika u ma jikkorrispondix ma' ebda leżjoni organika. Taħt iċ-ċirkustanzi, l-offiża li rriportat l-attriċi fl-inċident imsemmi, bħal ma del resto ċċertifika t-tabib Dr. Briffa fit-18 ta' April 1960, jiġifieri qabel ma l-attriċi spikkat l-imsemmija kwerela, kienet ta' natura ħafifa u mportanza żgħira;

Din il-Qorti ma ssibx raġunijiet li għalihom għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni peritali;

Kwindi l-konvenut, in tema penali, jekk din l-offiża kkaġunaha hu, skond l-art. 235(3) (b) tal-Kodiċi Kriminali, kien ikun passibbli għall-piena tal-kontravvenzjonijiet; u konsegwentement, bħal ma jissottometti l-istess konvenut, l-azzjoni tal-attriċi, intentata minnha b'ċitazzjoni preżentata fit-28 ta' Novembru 1960, ċjoè iżjed minn sena wara t-22 ta' Ottubru 1959, meta hi tgħid li ġara linċident, skond l-art. 2259 tal-Kodiċi Ċivili kombinat malart. 683(f) tal-Kodiċi Kriminali, tinsab preskritta;

U jingħad "jekk dik l-offiża lill-attriċi kkaġunaha lkonvenut", għaliex, skond ma xehdet l-attriċi, oltre d-daqqa ta' ġebla li taha l-konvenut fuq spallitha tal-lemin, qabel, fuq l-istess spalla, oħtha Paola Abela kienet tatha daqqa b'kanna jew landa taċ-ċirku oħxon tal-ħadid, u tathielha b'saħħitha kemm setgħet tagħtijielha, u għalhekk ma jistgħax jingħad b'sikurezza min — il-konvenut jew Paola Abela, li mhix parti fil-kawża — ikkaġuna dik l-

offiża lill-attriċi. Anzi hu ferm sintomatiku, kif ġa ssemma, li l-attriċi, meta għamlet ir-rapport lill-Pulizija, lill-konvenut ma semmietu b'xejn, u r-rapport li għamlet kien esklużivament kontra oħtha Paola Abela. Imma din hija kwistjoni li tirrifletti fuq il-meritu tal-kawża, kieku kellha ssir indaġini fuqu;

Illi l-attriċi tissottometti li mir-riżultanzi peritali jsegwi li d-daqqa ta' ġebla li tallega li rċeviet minn għand il-konvenut jew il-qatgħa li ħadet fl-imsemmi nċident, kien kaġun li hi tinsab fi stat isteriku, li jekwivali għal leżjoni ta' natura gravi għad-durata, jekk mhux għal debilitazzjoni permanenti f'saħħitha, li huma appuntu l-kawżali tad-domanda dedotta minnha fiċ-ċitazzjoni. Din is-sottomissjoni tal-attriċi ma hix sostenibbli. Huwa veru li jinsab komunement aċċettat li fost l-effetti varji li fihom tista' tikkonsisti l-leżjoni personali hemm ukoll il-perturbazzjoni tal-moħħ; u anke skond il-liġi, hemm leżjoni personali anki meta jiġi kaġunat diżordni fil-moħħ (art. 229 Kod. Kriminali). Però, apparti li ma jistgħax jingħad jekk dan l-istat isteriku tal-attriċi kienx jippre-eżisti qabel l-imsemmi nċident, u lanqas ma jista' jingħad, bħal ma ġa ntqal, jekk l-uġieħ li tallega li tilmenta minnu l-attriċi kienx konsegwenza ta' daqqa li tgħid li rċeviet minn għand il-konvenut jew minn oħtha Paola Abela, huwa żgur li l-attriċi, kif jidher fiċ-ċitazzjoni, mhix taskrivi l-leżjoni jew d-debilitazzjoni permanenti minnha pretiża bħala konsistenti f'perturbazzjoni mentali derivanti minn qatgħa li rċeviet waqt dak l-inċident, imma bħala konsistenti, il-leżjoni, f'daqqa fuq spallitha tal-lemin, u d-debilitazzjoni permanenti, fil-każ, f'uġiegħ u nfjammazzjoni tal-istess driegħha tal-lemin. L-attriċi ma tistgħax testendi l-kawżali fiċ-ċitazzoni oltre minn kif ġiet minnha espressa;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata, billi t-talba tagħha tiġi milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif ġa ntqal, it-talba tal-attriċi ġiet miċħuda mill-

Ewwel Onorabbli Qorti unikament a bażi tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut. Din il-preskrizzjoni kienet dik kontemplata fl-art. 2259 tal-Kodiċi Ċivili kombinat mal-art. 683(f) tal-Kodiċi Kriminali. L-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ artikoli jgħid illi għall-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għal danni kaġunati minn reat għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. It-tieni wieħed, mbagħad, jgħid illi l-azzjoni kriminali taqa' bil-preskrizzjoni ta' tliet xhur rigward il-kontravvenzjonijiet u għall-inġurji bil-fomm soġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hekk eċċepita mill-konvenut, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bla ma addentrat ruħha fil-meritu, ċjoè jekk il-leżjoni allegata ġietx, bħala fatt, kaġunata mill-konvenut jew minn martu, u talvolta taħt liema ċirkustanzi, assumiet illi dik il-leżjoni kienet, kif deskritta mit-tabib Dr. Briffa, "ta' natura ħafifa u mportanza żgħira";

Issa, skond il-Kodiċi Kriminali, art. 235(3)(b), offiża personali ta' din ix-xorta, għad illi fil-każijiet ordinarji hi punita bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet, b'dan kollu mhijiex kontravvenzjoni, iżda delitt; u għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli għaliha mhix dik applikata mill-Ewwel Onorabbli Qorti, tal-paragrafu (f) tal-art. 683 tal-Kodiċi Kriminali, iżda dik tal-paragrafu (e), li jolqot bil-preskrizzjoni mhux ta' tliet xhur, iżda ta' sentejn, l-azzjoni rigwardanti delitti soġġetti għall-piena tal-lavori forzati għal anqas minn sena, jew tal-multa, jew anki għall-piena tal-kontravvenzjonijiet;

Għalhekk, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, bażata fuq l-akkoljiment tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut, fuq l-assunt magħmul fis-sentenza appellata, ma tistgħax tkun sostnuta. Il-preskrizzjoni l-oħra, ċjoè dik li kienet tkun talvolta applikabbli, ma ġietx eċċepita mill-konvenut; u fi kwalunkwe każ ma jidherx li tadatta ruħha, għal dak li hu żmien, mar-riżultanzi tal-kawża, in kwantu li żgur ma kienux għaddew sentejn mid-data tal-inċident sal-istituzzjoni tal-kawża;

Jeħtieġ, għalhekk, li jiġi eżaminat il-meritu;

Il-kawżali taċ-ċitazzjoni hi illi l-konvenut aggredixxa lill-attriċi b'ġebla ta' piż konsiderevoli u b'hekk ikkaġunalha leżjoni ta' natura gravi għad-durata, jekk mhux debilitazzjoni permanenti ta' drieghha tal-lemin, konsistenti f'uġigħ u nfjammazzjoni tal-istess driegħ;

Fil-fehma tal-Qorti ma ġiex pruvat soddisfaċentement illi l-attriċi tassew irriportat xi leżjoni personali kawżata mill-inċident li kien hemm mal-konvenut u martu. La fiċ-ċitazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni annessa magħha ma hi ndikata d-data tal-inċident, iżda mill-kumpless tal-provi donnu jidher illi l-inċident ġara fit-22 ta' Ottubru. Sa kważi tliet xhur wara, l-attriċi ma kellmitx it-tabib. Hi qalet li kelmet spiżjar u dan taha xi ungwent, iżda dan l-ispiżjar anqas ma pproduċietu bħala xhud; u sa fuq ħames xhur wara anqas għamlet ebda rapport lill-Pulizija......;

*Omissis*;

Dan kollu juri kemm l-attriċi tassew "timmaġina" u tħalli l-fantasija tiġri biha;

Iżda proprju minn dan l-istat tagħha l-attriċi issa qegħdha tieħu l-ispunt biex tissostanzja l-pretensjoni tagħha. Konfrontata bil-provi illi bażi organika u somatika ma kienx hemm għall-"uġigħ u nfjammazzjoni", li fihom fiċ-ċitazzjoni hi għamlet tikkonsisti l-offiża allegata subita minnha, l-attriċi bdiet issostni illi l-offiża għandha tiġi riskontrata fl-alterazzjoni psikoloġika li kkawżatilha, konsistenti fl-istat ta' ansjetà jew "worry", li jammonta għal mard tal-moħħ, kaġunata bħala effett dirett tas-swat li qalgħet. Strettament, din l-ispjegazzjoni tal-leżjoni hekk mogħtija mill-attriċi tidher, kif irrileva l-konvenut, u anki l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-aħħar parti tas-sentenza appellata, estensjoni tat-termini tal-kawżali taċ-ċitazzjoni; iżda din il-Qorti jidhrilha li tista' titqies anki kompriża f'dawk it-termini, in kwantu li l-allegazzjoni verament operattiva hi dik tal-leżjoni in ġenerali u mhux id-deskrizzjoni tad-dettalji tagħha;

Skond il-liġi, offiża fuq il-persuna tista' tikkonsisti anki f'diżordni fil-moħħ tal-vittima, "mental derangement"; u ma hemmx dubju illi l-attriċi hi korretta meta tgħid speċjalment fin-nota erudita u elaborata tagħha fol.

127, illi in teżi ġenerali jista' jkun hemm lok għall-azzjoni ta' danni meta l-fatt illeċitu jikkaġuna alterazzjonijiet psikiċi, anki mingħajr leżjoni organika tal-ġisem, li jġibu nkapaċità għax-xogħol jew jikkawżaw telf ieħor patrimonjali. Iżda jeħtieġ illi t-trawma, jew alterazzjoni, jiġu soddisfaċentement pruvati bħala konsegwenza tal-fatt addebitat; u din il-prova l-Qorti ma tirritjenix li saret fil-każ preżenti. L-attriċi tinsisti fix-xhieda tagħha illi s-swat ġiebilha, u għadu jġibilha, uġieħ li jinkapaċitaha iċċaqlaq driegħha u taħdem kif kienet qabel. "Din" hi r-raġuni li "hi" tagħti għall-pretensjoni tagħha, indipendentement minn dak li ssottomettew fin-nota l-avukati tagħha. Ebda disturbament ieħor ma tallega; anzi quddiem il-Qorti stess ipprotestat enerġikament meta semgħet jiġi suġġerit millavukat "tagħha" illi hi b'xi mod disturbata jew alterata mentalment;

Issa, il-perit ġudizzjarju Dr. Camilleri kkunsidra "sospett" l-uġieħ akkużat mill-attriċi, fiċ-ċirkustanzi li hi ddeskriviet li ħassitu (għaxar ġimgħat sakemm kellmet tabib, kontinwazzjoni tal-qadi tal-bżonnijiet domestiċi tagħha, eċċ.), u fiċ-ċirkustanzi li hu stess ikkonstata fl-eżami kliniku li għamel. Il-konklużjoni tiegħu kienet illi l-uġieħ lamentat mill-attriċi mhux ġej minn ħsara li saritilha fi spallitha dak inhar tal-inċident. B'dan hu ma riedx jgħid illi ebda ħsara ma saritilha u li l-uġieħ hu fittizju. Il-probabbiltà hi, skond Dr. Camilleri, illi xi grad ta' kontużjoni fit-tessuti peri-artikolari kien hemm, u xi ftit tal-uġieħ, bħal ma jiġri wara kwalunkwe dbenġila; biss irritjena li tant il-ħsara kemm l-uġieħ li seta' kien hemm kienu ħaġa ta' żmien qasir, u fi kwistjoni ta' ġimgħatejn, jew tlieta mill-iżjed, kollox kien imissu jinnormalizza ruħu. "Ħafna drabi, però, f'dawn il-każi", kompla jgħid il-perit, l-idea tal-kumpens monetarju, tant għall-valur intrinseku tiegħu kemm ukoll bħala tpattija għal dak li ġara, jista' jkun movent ta' manifestazzjonijiet isteriċi, li ma jsolvux ruħhom qabel ma jkun deċis il-problema li jkun inqala". Meta xehed quddiem din il-Qorti, Dr. Camilleri ddeskriva dan il-fenomenu bħala "compensation-itis", kif anki ddeskrivieħ Dr. Amato, li qal li din il-kelma hi wżata largament barra minn Malta, u anki hawn, biex tiddeżenja l-istat ta' persuna li għadha tispera jew tistenna li tieħu kumpens pekunjarju jew xort'oħra ta' xi nċident li jkun ġralha, u tibqa' "tinnersja grievance"; għaliex jekk jispiċċalha l-

"grievance" tispiċċalha r-raġuni tal-kumpens. Fil-fehma ta' Dr. Amato, stat simili ma jistgħax medikament jissejjaħ "shock", anqas jekk jiġi deskritt bħala diżordni mentali kaġunat mill-inċident, kif jaħseb li trid tfisser il-liġi (fid-definizzjoni ta' "bodily harm"); anqas jissejjaħ "disease" jew "infirmity of the mind". Jista' talvolta jissejjaħ "worried" jew "anxious mind";

Hi fehma tal-Qorti illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jistgħax jingħad illi l-attriċi ppruvat il-leżjoni personali allegata minnha fiċ-ċitazzjoni; molto pjù illi, oltre dak li qalu t-tobba, ħafna minnu neċessarjament in teorija, billi għal dak li hu uġieħ huma kellhom joqgħodu unikament fuq dak li kienet tgħid l-attriċi, hemm provi li juru illi l-attriċi mhix bniedma li tista' torbot fuq kliemha. Għad illi Dr Bellanti, li sadak l-istadju kien għadu difensur tal-attriċi, xehed...... hemm xhieda oħra li proprju jgħixu mal-attriċi u jarawha kull jum, li xehdu l-kuntrarju. Grazzja Abela, oħt l-attriċi u oħt mart il-konvenut, li qalet li tara ill-attriċi kważi kulljum għax taħdem fir-raba' viċin, xehdet illi...... Dan jikkonferma dak li wkoll kienu osservaw il-periti ġudizzjarji, illi l-atteġġjament ta' mara muġugħa, b'dirgħajha fi 'sling' u miġbud fuq sidirha, hu wieħed li l-attriċi tassumi waqt li qegħdha tiġi osservata u meta tkun in gwardja biex timpressjona — ħaġa li dawk il-periti qalu li tikkontrasta mal-faċilità tal-movimenti attivi tagħha;

Paola Abela, li tiġi wkoll oħt l-attriċi, similment xehdet illi...... Rosa Galea, oħt oħra tal-attriċi u li tgħix magħha, xehdet...... Anki l-konvenut iddeskriva lill-attriċi bħala bniedma li dejjem tiġġieled u tgħajjat. Anki wara l-ġliedu hu ra l'll-attriċi taħdem fir-raba', iġġorr il-bejgħa u tagħmel il-faċendi tad-dar. Tant qabel kemm wara l-ġlieda, ix-xogħol li kienet tagħmel l-attriċi kien xorta;

Fl-aħħarnett, hemm ix-xhud għal kollox indipendenti Giuseppe Portelli, il-pitkal tar-Rabat, li qal illi l-attriċi ġie li tieħu l-bejgħa tagħha fil-pitkalija fuq rasha, meta tkun xi ġonta żgħira, jiġifieri ta' xi tliet wiżniet jew iżjed. Biex tieħu l-bejgħa l-attriċi trid timxi xi kwarta jew ftit iżjed bil-piż fuq rasha, mir-razzett fejn toqgħod sat-terminus tal-buses ta' Ħad-Dingli, u mbagħad mis-Saqqajja sal-pitkalija. Lil dan ix-xhud l-attriċi qatt ma qaltlu, sa fejn jif-

takar, li għandha xi uġigħ; u hu stess ma osserva xejn differenti fl-attriċi bejn żmien ilu u dan l-aħħar żmien;

Dan kollu juri, jew almenu joħloq dubju gravi li jġib għall-inattendibbilità tal-versjoni tal-attriċi dwar l-allegati konsegwenzi sofferti minnha bħala riżultat tal-inċident mal-konvenut. Dak li ġara kienet ġlieda minn dawk ordinarji, li aktarx, attiż in-natural ġellied tagħha kif deskritt minn ħutha, bdietha l-istess attriċi, kif qalet mart il-konvenut. L-attriċi tefgħet ġebla lill-oħtha u laqtitha. Il-konvenut, li dak inhar kien marid fis-sodda, u li, kif osservat il-Qorti, hu raġel avanżat fl-età u fiżikament aktarx deperit, meta ra xi ftit tad-demm fi driegħ martu, qabad hu wkoll ġebla u tefagħha lill-attriċi, u aktarx laqatha fi spallitha, bla ma verament ikkaġunalha ebda leżjoni. L-attriċi qegħdha issa tkabbar u teżaġera l-konsegwenzi għall-finijiet ta' din il-kawża;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-attriċi u, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tagħha.